# Il-Milied fil-Qawl u fil-Folklore

BOSTA mill-qwiel huma marbutin ma' xi festa tal-Knisja jew tal-pajjiż. Għaliex il-festi kienu jfakkru d-data tal-kalendarju u ngħataw bħala ismijiet lix-xhur mill-bidwi, min-nassab, mis-sajjied u x'naf jien. U l-Milied ġmielu bħal ħafna festi oħra ħalla ismu f'bosta mill-qwiel tagħna. Għedt bosta għax il-Milied hi festa kbira għal kulħadd, kbar u żgħar.

L-ewwelnett il-Milied hu sinjal tat-tempijiet. U fejn it-tagħlim tal-meteoroloġija għadu ma qalax barra l-għerf ta' misserijietna fossilizzat fil-qwiel, għadek tisma' lil Kanġu ta' Stwiel igħid fuq iz-zuntier: "Sal-Milied la bard u lanqas ksieħ". Iżda daż-żmien in-nies saret temmen wisq fl-almanakki u pronostki, u jaħasra bosta qwiel ta' din ix-xorta qed jintesew. M'nn Alla, għandek tgħid, kien hawn min ħarqitu qalbu u beda jiġborhom. Għandna qwiel oħrajn ta' dix-xorta: "Meta l-Milied taħt il-bejt, il-Għid fuq il-bejt", u sieħbu "Meta l-Milied fuq il-bejt, il-Għid taħt il-bejt". Fuq il-bejt u taħtu jiġifieri temp tajjeb jew ħażin, bnazzi jew maltemp.

Il-kaċċatur għandu wkoll il-qawl tiegħu. Tistagħġeb taraħ inaddaflek is-senter, igħattih b'biċċa ċarruta, jew idaħħlu filqarnuna, u jwarrbu. Jekk tistaqsih għaliex, it-tweġiba fuq fommu: "La jiġi l-Milied, arfa' xkubettietek fuq il-farxa tal-bieb". Il-farxa hi l-ixkaffa. Dari l-bibien kienu jinbnew hekk: kwadri minn barra, u ħnejja fuq ġewwa. Għadni niftakar in-nanna kellha wieħed bħal dawn, flok fejn il-lum għandha l-persjana. Il-kaċċatur għandu raġun, għax la joqrob il-Milied l-għasafar ma tpassix aktar.

Il-bidwi wkoll ifajjarlek tiegħu: "Bejn il-Qala u l-Milied, arfa' l-moħriet minn ħalq il-wied." Jarfagħlek il-moħriet għax l-art tkun kollha tajn u l-miżergħa jmissha ilha miżrugħa minn Sant'Indrija (30 ta' Novembru) (1), anzi "Meta jasal San Xmun, iżra' niexef jew miblul" (28 ta' Ottubru), u "F'San Anard, iżra f'kull art" (Novembru 7).

Iżda aħjar ingħidu xi ħaġa li għandha x'taqsam aktar mal-festa tal-Milied. Il-Milied hu wieħed mill-aqwa għidien tal-Knisja. Thejjina għalih mill-bogħod u mill-qrib. L-Avvent fih erbat iħdud, tifkira ta' l-4000 sena li d-dinja baqgħet tistenna l-Messija. Dan iż-żmien ta' thejjija hu żmien ta' penitenza, u bejn l-aħħar żewġt iħdud jiġu tlitt ijiem sawm ta' l-Erbat Iżmna. Thejjija aktar qrib: lejlet il-Milied. Dak in-nhar ukoll hemm is-sawm. Kulħadd isum għax hekk tgħallem fid-dutrina. U kienu jisimgħu l-barba jgħid: "Min ma jsumx lejlet il-Milied, imut bħall-klieb". Għal niesna, nies li kellhom il-Fidi magħġuna f'imġibthom u f'għemilhom, dan kien għajb kbir. U jissokta l-barba: "Bħall-klieb miet Grezzju ta' Budellek. Il-ħali waqa' l-baħar u għereq waqt li kien tiela' fuq skuna ta' l-inbid qrib il-Menqa tal-Marsa".

"Il-Milied taż-żina, il-Għid fil-kċina". Issa jmissna naraw kif niesna dari kienu jgħaddu l-Milied. Il-karatteristika tal-Milied, kif jidher mill-qawl, hi t-tiżjin. Il-Milied hu l-festa taż-żina. Iċ-ċentru tad-dar huwa l-presepju, kbir, imdaqqas jew żgħir. Iżda min ma jistax jarmah, jew m'għandux tfal li jiddilettaw bih, minfloku jqiegħed xi bambin fuq blata, minn dawk li jtellgħu bix-xorti ma' tul in-novena. Naħseb li minn hawn ġiet l-idjoma "mill-Milied sa San Stiefnu" (sa l-għada tal-Milied), għax fid-djar fejn kienet tinġama' t-tfal il-bambin ma kienx ikollu ħajja twila. Għadni niftakar, qisu l-bieraħ, il-bambin li kellu Toni l-Brimbi, Alla jagħtih il-ġenna. Kien bambin li għal

bosta snin ra l-ħâra kollha tiġi tittawwallu. Il-presepju u l-bambin kulħadd iżejjinhom mill-aħjar, bil-qamħ, bil-ġulbiena, bl-iskalora... Jixilgħu wkoll ġo fihom lampi taż-żejt ħomor, sofor, ħodor, koħol... L-għaġeb tan-nies jikber meta xi ħadd jirnexxilu jarma bil-pasturi jitħarrku. Għal-lejl tal-Milied, il-qraba u l-ħbieb kienu jiltaqgħu flimkien u jgħaddu l-ħin sal-quddiesa ta' nofs il-lejl imqajmin. Jinġabru kmieni wara l-ikel. Min għandu xi strument tad-daqq iġibu, u hekk jinġabru aktar nies madwar taż-żaqq, tal-kastanjoli, tal-kitarra, u t-tfal bil-ġlieġel tal-bhejjem: u min jaf, igħanni. Jibdew bil-għanja li jaf kulħadd u li hi għal qalb kulħadd:

*"Ninni la tibkix iżjed,*
*Ninni Ġesù Bambin,*
*Halliħ għalina l-biki*
*Għax aħna midinbin."*

M'hemmx għalfejn jaslu

*"Lam... O għana tas-sema;*
*Lam... O Ġesù ħanin;*
*Lam... O hena tad-dinja;*
*Lam... O Ġesù Bambin."*

għax it-trabi jkunu ġa raqdu. U jibqgħu sejrin hekk, jerġgħu dawk li l-aktar jingħoġbu, u x'ħin il-qiegħa tkun saħnet sewwa u ma jkunx hemm ġdid aktar x'tgħanni jagħżlu oħrajn ta' festi oħra. Bejn dan il-għana u l-kliem li jintiseġ bejn waħda u oħra, il-ħin kien jidħol ġmielu. Imbagħad x'ħin joqrob il-ħin tal-Quddiesa ta' nofs il-lejl jitleffu sewwa f'xi ġlekk jew xi kapott, u jerħulha għall-Knisja. Mill-Knisja ħadd ma kien jonqos. L-interess kien jikber ħafna bil-priedka tat-tifel.

Il-Milied fuq kollox hu festa taż-żina. Iżda għalkemm il-Għid hu msemmi għall-kċina, madankollu ż-żaqquqa ma tonqosx li ssib raġunijiet biex tiekol tajjeb. Lejlet il-Milied ma jkun hemm l-ebda tisjir speċjali: għax in-nies sajma u trid titqarben. Titlesta biss xi stanjata kafè jew kokotina għall-għatx u għall-bard. L-għada l-mara toqtollok xi ħasi ta' l-imwaħħar u ssajjarhulek b'mitt gost. Timlieh u tagħmlu brodu, tixwih fil-forn, tgħallih u tixwih fuq il-kenur, tagħmlu stuffat jew torti u qassatat. Issajjarlek xi biċċa mill-barri li biegħu, jew xi fenek li jinżillek għasel moqli b'tewma għal xi d-disgħa. Il-mejda tgħabbiha b'kull xorta ta' frott, tin imqadded u mdaħħal fil-qasab jew fi ħnienaq, ċapep maħżun, għeneb imqadded, rummien aħmar

aħmar, inbejjed ġodda. Iżda l-festa hija msemmija l-aktar għall-kagħak tal-qastanija.

Nhar il-Milied ir-rġiel u l-ġuvintur li bdew idaħħlu xi sold fil-but kienu jduru mat-toroq tar-raħal jew jinġabru f'xi ħanut tal-misraħ. U hekk kienu jgħaddu l-aħjar tal-jum igħannu u jix-xalaw. It-tfal ma kinux jersqu lejhom għajr biex jixorbu xi ħaġa minn fuqhom jew jitkesksu għal xi erba' sittiet. Kienu jinġabru fis-sqaq ta' wara l-Knisja, jilagħbu, jaqbżu, igħajtu u jinbxu lix-xemx għaddejja. Iżda malli jidher fosthom it-tifel ta' Kola tan-Nagħal, bil-barnuża ta' missieru f'rasu, idoqq iż-żummara :

*"Ninu, ninu tal-Milied,*
*Ommi għamlet il-kagħkiet,*
*Għamlithom tal-qastanija,*
*Santu Rokku tat-tiġrija;*
*Għaddew il-festi kollha*
*Tlabtu waħda tagħni mija,"*

sħabu jkomplu miegħu, waqt li Mattew, it-tifel ta' Indrija l-Vopa jitħajjar u jiġri lejn id-dar, qisu għafrit, barra minn fuqu u s-siegħa ta' dal-ħin. Fis tarah ġej, nifsu maqtugħ, bil-flawt skartat ta' missieru. Għajta ta' ferħ iżżarżar mas-sema u jerġgħu mill-ġdid :

*"Ninu, ninu tal-Milied..."*

Xtaqt nagħlaq b'xi strofi meħudin minn poeżija, jew aħjar, taqbila devozzjonali. Smajtha tingħad minn mara xwejħa fil-knisja ċkejkna tal-Wardija matul in-novena tal-Milied. Qaltli li ilha tgħidha sa minn żgħira u tiftakar ix-xjuħ tagħha jgħiduha wkoll. Għalxejn fittixt biex nara hix xi kurunella, bħal ħafna li għandna, frott ta' xi moħħ li jaf ftit ta' l-skola. Għoġbitni ħafna u ktibtha, kif għoġbot ukoll lil kull min urejtha. U ser inġib xi siltiet minnha għax naf li hi għal qalb il-poplu :

*"Kemm kont imħennija, O Marija,*
*Meta lejlet il-Milied,*
*Għax twieled Bambin ċkejken*
*Fuq erba' tibniet.*

*Kemm ksirt qalbek, O Marija,*
*Rajt lil Ibnek mejjet bil-bard,*
*Int ħabbejtu, ridt iġġibu*
*Veru sultan tas-sema u l-art.*

* * *

*Il-bwieb tas-sema miftuħa,*
*L-anġli telgħin u neżlin,*
*San Ġużepp ġo bieb l-għawajjar,* (2)
*Jadura lil Ġesù Bambin.*

*Kemm stagħġbu dawk ir-ragħajja,*
*Meta waslu f'bieb l-għawajjar,*
*Marru jadurawh ta' Sultan*
*U jsibuh liebes ta' fqajjar."*

11. 11. 1948. Ġ. GHIGO, S.J.

---